# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 94

**15 ta' April 2019**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
John Borg - Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Mark George Abdilla - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera s-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur John Mizzi, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John Borg, is-Sur Antoine Attard, u s-Sur Owen Patrick Attard.

**94.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

94.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

94.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva apoloġija mill-Kunsillier is-Sur Mark George Abdilla li jinsab imsiefer. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija.

**94.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

94.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 93 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija

94.2.2 Fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsilliera s-Sur Jimmy JM Calleja, il-minuti tal-laqgħa numru 93 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

**94.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

94.3.1 Ma kienx hemm kommunikazzjonijiet.

**94.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

94.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami saqsa kif bqajna dwar l-iżvilupp fit-trejqet li nfetħet fi Triq Ganu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Perit tal-Kunsill qal li ma jingħatax tagħrif mill-*Planning Authority* fuq applikazzjonijiet *third party* u għalhekk ktibna lill-*Planning Authority*.

94.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi konna ftehmna li jsiru pajpijiet madwar il-bażilika fil-bankini. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ktibna lil *Infrastructure Malta* dwar dan peress li x-xogħol mhux isir minnha imma minn din l-aġenzija.

94.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li ma jistax jifhem kif bankini qed jiġu bil-konkos u oħrajn bl-islabs u qal li ma għandniex naċċettaw xogħlijiet mhux isiru sew. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li x-xogħol qiegħed isir sewwa. Is-Sur Fenech Adami qal li l-kuntrattur mhux qiegħed ibattan sew. Is-Segretarju se jikteb lil *Infrastructure Malta*.

94.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami talab lis-Segretarju Eżekuttiv lista tal-kuntratturi li għandhom tenders mal-Kunsill. Is-Segretarju se jgħaddilu l-lista.

94.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-korrispondenza li rċieva mingħand il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami dwar il-lapida ta' Ġnien Stazzjon. Is-Sur Fenech Adami qal mhux waħda kien hemm imma tnejn u dawn ma tranġawx anzi sparixxew. Is-Sindku staqsietu għaliex hemm tnejn u mhux waħda. Is-Sur Fenech Adami qal li waħda kienet ta' żmien Ġorġ Debattista li ntremiet u tkissret u l-oħra ta' żmienu b'isem il-President ta' Malta. Huwa qal li dawn instremew bi skop. Huwa talab li jerġgħu isiru. Huwa qal li l-istazzjon mhux veru kien mitluq u intelaq biss għaliex tmien snin ilu għaddiet mozzjoni li ma jkunx hemm *watchmen*. Hu qal li mhux sew anke li kienet tneħħiet isem is-sala Pawlu Borg fiċ-ċentru ċiviku. Is-Sindku qalet li ta' żmien Ġorġ Debattista ma tiftakariex u ta' Pawlu Borg qatt ma ratha, iżda li tal-President għandha terġa' teħel. Is-Segretarju Eżekuttiv talab biex jingħata l-kliem eżatt kif kien għax hu ma setgħax isib din il-plakka u jrid jagħmel replika. Is-Sindku qalet li se tipprova ssib il-kliem minn xi ritratti.

94.4.6 Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi qal illi resident minn Ta' Paris block E3 qed jilmenta li daħallu ilma minħabba l-proġett li qed isir. Is-Sindku talbet lis-Segretarju jikteb lill-perit.

94.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Bank Of Valletta riedu jkunu jafu min huwa l-amministratur tal-Kunsill peress li se jbiddlu s-sistema tagħhom. Huma talbu lill-Kunsill biex jgħaddi mozzjoni f'dan is-sens. Il-Kunsill b'mod formali qabel li l-amministratur tal-Kunsill għandu jkun is-Segretarju Eżekuttiv.

94.4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-*Planning Authority* se tibda tgħarbel l-iżvilupp suġġerit minn *Smart* PA2958/16. Il-Kunsill ħatar lis-Sur Anthony Buttigieg bħala rappreżentant.

94.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja qal li xtaq joffri l-kondoljanzi lill-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami minħabba l-mewt taz-zija tiegħu. Il-Kamra ngħaqdet fil-kondoljanzi.

Fis-6.30pm telqu mill-Kamra l-Kunsilliera s-Sur John Mizzi u s-Sur John Borg.

94.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Kaylocke Buhagiar qal biex filwaqt li ma nwaqqfux ix-xogħol ta' *Infrastructure Malta*, naħdmu b'kawtela speċjalment minħabba l-festa ta' Santu Kruċ.

94.4.11 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami saqsa jekk il-Monti ċċaqlaqx. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li għadhom għaddejjin bid-diskussjonijiet.

94.4.12 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi s-Segretarju Eżekuttiv għandu jagħmel pressjoni fuq l-awdituri biex ikollna l-*audited financial statement* kemm jista' jkun malajr.

**94.5 Varjanza – Van extra għall-anzjani disabled għaċ-ċentru ta' matul il-jum**

94.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi minħabba li żdiedet il-preżenza ta' l-anzjani li jattendu d-*Day Centre*, u żdiedu xi persuni li għandhom siġġu tal-batterija, qed tinħass il-ħtieġa illi jiżdied vann ieħor kull nhar ta' Tnejn u Ħamis. Kieku naqblu ma' din it-talba din tkun tfisser madwar 4000 euro f'sena. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi rridu noqogħdu attenti li ma jinqabisx it-treshhold ta' varjanza fit-tender għax ikollna problemi. Hu ssuġġerixxa illi flok napprovaw din il-varjanza, hemm vann isfel fil-garaxx li kien jintuża' minn Dar Pirotta u issa qiegħed mitluq, biex naraw nistgħux nużaw lilu bi qbil mad-Dar tal-Provvidenza. Inkella naraw nistgħux inkabbru l-vann.

**94.6 Data tal-ftuħ għal proġetti pendenti**

94.6.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li għandna bżonn insibu data għall-*opening* ta' Ġnien l-Aħwa Kanonċi Micallef f'Misraħ San Alwiġi. Dan se jsir fuq sponsor ta' Gasan. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami saqsa għaliex kien ġie dan l-isponsor u jekk kienx minħabba t-torrijiet li se jsiru fl-Imrieħel. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan kien għaddha kunsill pero' se jsib il-kuntratt u jerġa' jibgħatu lil kulħadd. Dan hu *agreement* separat minn ta' l-Istazzjon. Is-Sindku tkellmet dwar is-servitu ta' l-Istazzjon u li qatt ma tajnihom servitu minn ġol-ġnien imma li jinbena ħajt għal *child care*. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi kien hemm agreement *għal* servitu. Fuq kumment tas-Sindku illi l-President kien ġibed l-art lura, is-Sur Fenech Adami qal illi mhux dik l-art kienet imma l-biċċa fejn kien hemm il-Water Services u fejn illum qed jintuża bħala *store* tal-gabbana. Is-Sindku qalet li pero' qatt ma tajna lil tar-Roxy ċans biex jiftħu bibien ġo l-Istazzjon. Is-

Sur Michael Fenech Adami qal li kien hemm *agreement* ta' servitu u kienu tawna l-flus għal manteniment tal-ġnien. Konna tajnihom ftehim li jagħmlu passaġġ li jagħti għaċ-*Child Care* bi grada kif ukoll servitu tal-galleriji. U bibien ta' emerġenza ġol-passaġġ biex joħorġu minn fejn hemm il-bank.

94.6.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li l-Ġnien ta' quddiem Farsons se jinfetaħ fl-10 ta' Mejju. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi rridu noqogħdu attenti minn karozzi li jgħaddu *gas down* u jibqgħu deħlin ġol-bandli. Is-Sindku qalet li se jsir *fence*.

**94.7 Preżentazzjoni dwar Parkeġġi**

94.7.1 Il-Kunsill ġie preżentat b'żewġ idejat ta' parkeġġi. L-ewwel preżentazzjoni saret minn *Safe Parking* li għandhom sistema ta' parkeġġ vertikali. Milli jidher dan it-tip ta' parkeġġ ma għandux bżonn permessi tal-*Planning Authority*. Il-Kunsill se jkun qed jinvestiga aktar dawn it-tip ta' parkeġġi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kwalunkwe proposta ma tridx tmur kontra l-liġijiet tal-Kunsilli, per eżempju li l-Kunsill ma jistax idaħħal flus. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami ssuġerixxa l-għalqa fejn isir parkeġġ meta jkun hawn il-Monti għal din l-installazzjoni. Ġie suġġeriet l-*area* wara l-Knisja ta' Santa Tereża kif ukoll il-*parking area* fuq wara tal-Kunsill. Kien hemm qbil illi nkomplu naħdmu fuq din l-ideja.

94.7.2 It-tieni preżentazzjoni saret dwar parkeġġ propost fi Triq Papaffy mal-bye pass Dun Karm fejn hemm ideja illi jsir parkeġġ u fuq jibqa' l-ġnien. Fuq din ukoll il-Kunsill deher interessat pero' trid tinvolvi ħafna iktar xogħol u diskussjonijiet. Fosthom hemm il-problema li l-art mhix tal-Kunsill imma tal-*lands*. Li ma jintilfux parkings mad-dawra u li r-residenti ta' l-inħawi jiġu aġevoluta speċjalment wara li jagħlqu l-ħwienet.

**94.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 72 u *petty cash***

94.8.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech għaddiet għall-approvazzjoni tal-membri l-listi tal-*petty cash*. Dawn ġew issekondati mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg u approvati nem. con.

94.8.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ressqet għall-approvazzjoni l-iskedi ta' pagamenti 72. Dawn ġew issekondati mill-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg u l-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Ma kienx hemm mistoqsijiet u l-finanzi għaddew b'mod unanimu.

**94.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

94.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm u ġiet aġġornata għal l-Erbgħa 15 ta' Mejju fil-5pm.

Konfermati, illum 15 ta' Mejju 2019.

IFFIRMATI

| | |
|---|---|
| Joanne Debono Grech | Neil Spiteri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |